MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 538/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Spiridiona Camilleri**

Kaz Numru: 538/2013

Illum 4 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Spiridiona Camilleri**, bint Eucharist u Teresa neé Vella, imwielda fil-25 ta' Mejju 1960, u residenti fil-fond numru 78, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 353460(M), akkuzata talli nhar l-4 ta' Settembru 2013, ghall-habta ta' bejn 08:30hrs u 10:00hrs fi Triq il-Port, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex:

1. waqt li kienet fil-proprjeta' taghha fil-fond bl-isem 'Ta' Pennellu,' Marsalforn, Zebbug, Ghawdex bla hsieb li taghmel hsara kontra l-ligi izda b'jedd li tippretendi li ghandha, qalghet ghata ta' tieqa maghmula tal-metal mill-proprjeta' tal-ahwa Maria Vella, Tarcisia Haber, Anton Caruana, Frankie Caruana, Dr. Michael Caruana, Doreen Caruana, Elvina Portelli u Josette Portelli li tinsab fi Triq Ulisse, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex u b'hekk fixklithom fil-pussess ta' hwejjighom u ezercitat arbitrarjament il-pretensjonijiet fil-proprjeta' taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju u semghet ukoll lix-xhud minnha prodott.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tressqet quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.*

Illi jirrizulta li l-kawza tikkoncerna tieqa li hemm bejn zewg btiehi ta' zewg propretajiet differenti: wahda mill-btiehi tappartjeni lill-kwerelanti u l-ohra hija tal-fond fejn hemm il-hanut tal-imputata. It-tieqa ma jirrizultax li kien qed isir uzu

minnha tant li quddiem it-tieqa, fil-proprjeta' tal-kwerelanti, hemm *shower*.

Illi jirrizulta mix-xiehda tal-kwerelanti li wara li kienet inqalghet *hardboard* li kien hemm mat-tieqa in kwistjoni, il-kwerelanti wahlu pjanca taz-zingu u ghamlulha traversi tal-injam orizzontali u poggew seratizz maghha (*Vide* ritratt mmarkat bhala Dok. "D" u ezebit fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2013). Il-kwerelanti jallegaw li, sabiex tnehha s-seratizz, l-imputata kellha tabilhaqq bilfors tidhol gol-proprjeta taghhom.

Illi, da parte taghha, l-imputata tghid li bhala struttura hija ma ghamlet l-ebda alterazzjoni pero tghid li peress li t-tieqa tal-injam kienet fi stat hazin hafna, hi rrangatha. Ikkonfermat li hi waqqghet iz-zingu li jidher f'ritratt Dok. "SC 5" ezebiet minnha stess fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2014 dakinhar stess li dan iz-zingu gie maghmul. Il-Qorti tinnota li dan huwa l-istess zingu li jidher f'ritratti Dok. "D" u "E" ezebiti fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2013. Meta l-imputata giet mistoqsija x'ghamlet, filwaqt li tghid li z-zija taghha Pauline Vella ratha taghmel hekk mill-veranda u filwaqt li tichad li qatt dahlet fil-proprjeta' tal-kwerelanti, wiegbet hekk:

> *"jien kont nigi minn naha tat-tieqa tieghi, mill-bitha tieghi, u naqbad ghandi lever, nara fejn hu l-vit u nsammar fuqu u hu awtomatikament johrog. Ghax meta inti qed timbotta minn naha ta' wara, din kemm tigref 'il barra; kieku kieku timbotta bil-kontra tissikka imma; meta qed timbotta minn wara l-vit johrog dritt"* (Seduta tal-14 ta' Jannar 2014).

Hi tkompli tghid:

> *"Issa, imbaghad meta kien hemm, ghamlu traversa kien hemm darba minnhom, dik bil-lever stess, minn fuq il-hadid tat-tieqa jien nilleva u nitfaghha 'l barra. Jien dejjem mill-proprjeta' tieghi ghamilt dik il-bicca xoghol"* (Seduta tal-14 ta' Jannar 2014)

Da parte taghha, Pauline Vella xehdet li n-neputija taghha l-imputata fl-ebda mument ma qabzet fil-proprjeta' tal-kwerelanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-

opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xiehda moghtija minnha, l-imputata stess tammetti li hija kienet nehhiet iz-zingu in kwistjoni. Ta' min jinnota li fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata din iz-zingu hija deskritta bhala ghata ta' tieqa maghmula mill-metall. Minkejja li l-imputata tichad li hija fl-ebda mument ma dahlet fil-proprjeta' tal-kwerelanti u minkejja li taghti spjegazzjoni ta' kif nehhiet tali zingu, il-Qorti ma jirrizultalhiex veritjier dak li qalet l-imputata peress li huwa impossibbli li biex hija nehhiet iz-zingu u s-serattizz li jidher f'ritratt mmarkat bhala Dok. "D" u ezebiet fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2013 li hija ghamlet dak li qed tghid li ghamlet u dana meta wiehed jara li tali seratizz kien wiehed imiss minn hajt sa hajt tal-bitha.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputata ser tigi misjuba hatja taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Spiridiona Camilleri hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannha multa ta' mitejn Euro (€ 200.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------